# Dak li lejh ħarisna
## Adorazzjoni Ewkaristika għal Żmien il-Milied
### Jannar 2023

## Innu waqt l-Espożizzjoni

## Vista lil Ġesù Ewkaristija

Kristu, Redentur tad-dinja,
tal-Missier Iben waħdieni,
minnu mnissel sa minn dejjem,
agħti widen għat-talb tagħna.

*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Dawl u dija ta' Missierek,
inti t-tama tal-ġnus kollha;
b'ħerqa kbira lejk induru,
għaliex nafu t-tjieba tiegħek.

*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Salvatur tal-ħniena, ftakar
li nżilt fostna bniedem bħalna;
int twelidt mill-Verġni safja
b'ġisem dgħajjef f'sura tagħna.

*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

F'dawn il-jiem ta' ferħ, agħtina
fidi ħajja fik, li għoġbok
mit-tron tiġi ta' Missierek
biex issalva d-dinja kollha.

*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Is-smewwiet u l-art u l-baħar,
b'kulma fihom, b'leħen wieħed
ifaħħruk għall-ġid tal-għaġeb
li switilna l-miġja tiegħek.

*Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

Glorja lilek, Kristu Sidna,
bin Marija, Omm u Verġni;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Amen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna*, *Sliema*, u *Glorja*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

beHOLD

Barra l-Prologu tal-Evanġelju skont San Ġwann li jitkellem dwar il-Verb ta' Alla—Kristu—li kien minn dejjem Alla imma li, f'punt speċifiku tal-istorja, sar laħam u waqqaf l-għamara tiegħu f'nofsna, hemm ukoll test ieħor meħud mil-letteratura biblika ta' Ġwanni li tinqara diversi drabi fil-liturġija, kemm waqt il-quddies u kif ukoll fil-Liturġija tas-Sigħat. U din is-silta hija l-ewwel erba' versi tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu li aktarx inkitbet f'Efesu (fit-Turkija tal-lum) għall-ħabta tas-snin 90 u 100 WK.

**Bidu tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu** (1 Ġw 1, 1-4)
Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġfieri l-kelma tal-ħajja, dan sa nxandrulkom. Għax il-ħajja wriet ruħha u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u li wriet ruħha lilna. Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu. U qegħdin niktbu dan biex il-hena tagħkom ikun sħiħ.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*Irroddu ħajr lil Alla.*

## Innu Ewkaristiku

Mulej, kultant inħossni ngħir għal dawk li kellhom l-opportunità li jgħixu fi żmienek u semgħuk titkellem, rawk b'għajnejhom, ħarsu lejk u dritt f'għajnejk, u kienu hekk qrib tiegħek u intimi miegħek li setgħu jmissuk u jesperjenzaw qawwa kbira li l-umanità għal kollox komuni tiegħek kienet tittrażmetti. Imma, fl-istess waqt, xejn ma tiġini għira għad-diffikultajiet li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom, kemm diffikultajiet tal-ħsieb għax mhux faċli li tara bniedem bħalek u temmen li hu l-Iben ta' Alla, u kif ukoll fuq il-livell tal-għixien ta' din l-esperjenza inkwantu dawk li ġarrbuha hekk mill-qrib kellhom jgħaddu wkoll minn tbatijiet kbar bħalek biex setgħu jżommu ħajja din il-fidi u jwassluha lil oħrajn, li huma wkoll ikunu jistgħu jwassluha lil oħrajn … sakemm waslet lilna wkoll u għadha tagħtina l-ħajja llum ukoll għax hija tħabbira tal-aħbar t-tajba ta' kemm Alla resaq qrib tagħna—tħabbira li aħna nemmnuha fuq ix-xhieda ta' dawk li ġarrbuha u li għamlu minn kollox sabiex din tasal għandna biex aħna wkoll ingawduha, biex aħna wkoll niġu maħtufa fl-imħabba tal-Missier u tiegħek permezz tal-Ispirtu Qaddis li inti sawwabt fuqna, u hekk l-hena tagħna jkun sħiħ. Fl-istess waqt, aħna wkoll qegħdin hawn quddiemek, u f'ħinijiet oħra nirċevuk ukoll ġewwa fina hekk li mhux biss inħarsu lejk imma inti ssir parti minna bħalma l-kelma li nisimgħu tidħol f'widnejna sa ma tasal sa moħħna u hemm tiġi

pproċessata u maħżuna. U l-istess l-immaġni. Veru, aħna kulma qed naraw huwa biċċa ħobż irqiqa u tonda u mhux wiċċ jew persuna tanġibbli. Imma xorta nistgħu nagħmlu l-istess esperjenza. Anzi, aħna forsi wkoll ixxurtjati iktar għax nistgħu wkoll intiegħmuk, nomogħduk, u ssir parti minna hekk li tagħtina l-ħajja sew fir-ruħ u sew fil-ġisem.
Għalhekk, Mulej, f'dan il-ftit ħin li għandna fil-preżenza tiegħek biex inqimuk waqt li inti thennina u tagħtina l-ħajja, aħna wkoll, fis-skiet, se noqogħdu nħarsu lejk filwaqt li inti tħares lejna; se noqogħdu nisimgħu s-skiet tiegħek u nħallu r-ritmu tan-nifs tagħna jfakkarna fin-nifs li kont tieħu int meta kont tgħammar fuq l-art; u hekk inħalluk tagħtina l-ħajja li wriet ruħha elfejn sena ilu u għadha taħji llum ukoll. U din il-ħarsa kollha qima u mħabba tagħna tiftaħ tieqa biex permezz tagħha inti wkoll tinfed sal-qalb tagħna tant li aħna wkoll inkunu nistgħu ngħidu li ġarrabna dak li ta' kuljum, kull fejn inkunu, nixhdu għalih f'dinja li kulma jmur qed tiddeġenera u ssir iktar primittiva mid-dinja ta' żmienek, mid-dinja li fiha ngħatat l-ewwel xhieda tal-ħarsa kollha mħabba tiegħek għalina l-bnedmin—ħarsa li troddilna d-dinjità flok tisraqilna; ħarsa li tagħtina l-ħajja flok toqtolna; ħarsa li tagħtina l-libertà flok tħallina lsira tal-aptiti tagħna u tal-manipulazzjoni tal-setgħat tal-ħażen.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

## Innu Ewkaristiku

Ejjew infaħħru lill-Mulej permezz ta' Salm 145 billi nwieġbu flimkien: ***Ħbiebek ixandru l-ġmiel ta' saltnatek!***

145, 10-13. 17-18

Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej,
u ħbiebek iberkuk;
is-sebħ tas-saltna tiegħek ixandru,
fuq is-setgħa tiegħek jitkellmu. ***R/.***

Huma jgħarrfu lill-bnedmin il-qawwa tiegħek
u l-ġmiel glorjuż tas-saltna tiegħek.
Saltnatek hi saltna taż-żminijiet kollha,
u l-ħakma tiegħek minn nisel għal nisel. ***R/.***

Ġust il-Mulej fl-imġieba tiegħu kollha,
twajjeb fl-għemil tiegħu kollu.
Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu,
lejn kull min isejjaħlu fis-sewwa. ***R/.***

*(adorazzjoni fis-skiet)*

“Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b’għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġfieri l-kelma tal-ħajja, dan sa nxandrulkom” (1 Ġw 1, 1). Aħna nafu, Mulej, li, minkejja li ma nistgħux nitkellmu preċiż b’dan il-mod għax l-esperjenza li aħna nagħmlu tiegħek hija iktar spiritwali milli materjali, xorta waħda aħna nemmnu li lilna tmissna l-istess xorti u jeħtieġ li nxandru l-istess esperjenza. Għalhekk, bil-ħarsa tagħna fuqek, se rresqulek it-talbiet tagħna billi nwieġbu: ***Ħares lejna, Mulej, u ismagħna***.

- Mulej Ġesù, ħu ħsieb il-Knisja tiegħek, il-familja li tiġbor fiha lil dawk kollha li ssieħbu f’din l-esperjenza ta’ mħabba tiegħek. Agħmel li kull membru tal-Knisja jxandar bil-ħajja tiegħu t-tjubija tal-laqgħa miegħek. ***R/.***
- Nitolbuk għall-mexxejja politiċi u ekonomiċi tagħna u tad-dinja kollha sabiex jagħrfu jħarsu l-qdusija u d-dinjità ta’ kull ħajja umana filwaqt li jirrispettaw il-libertà ta’ dawk li jissieħbu f’ismek biex jagħtuk ġieħ. ***R/.***
- Qaddes lil dawk li fdajt f’idejhom b’mod speċjali x-xandir tal-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni li seħħet permezz tal-inkarnazzjoni tiegħek, hekk li tassew ikunu jistgħu jwasslu mhux biss kliem teoretiku imma esperjenza konkreta li ġarrbu tal-imħabba tiegħek. ***R/.***
- Kompli sejjaħ minn fostna qlub ġenerużi li, waqt li jħarsu lejk, iħalluk tħares lejhom u ssemmgħalhom leħnek fil-qalba ta’ ruħhom hekk li jkunu lesti jħallu kollox sabiex iwasslu din ix-xhieda. ***R/.***
- Ħares bi ħniena fuq ħutna l-mejtin, b’mod speċjali l-Papa Emeritu Benedittu XVI, u isma’ t-talb tagħna għalihom sabiex huma wkoll jisimgħuk issejħilhom b’isimhom biex iddaħħalhom fil-hena sħiħ tiegħek. ***R/.***

O Verb li kont minn dejjem ma’ Alla u fil-milja taż-żmien ħadt ġisem bħal tagħna, ilqa’ dawn il-karbiet li qed irressqulek, u tieqaf qatt tħares lejna u tismagħna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**